# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 1745/93 JF**

**Anthony VENTURA ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni EneMalta u b'nota tat-2 ta' Marzu 1998 Silvio DECELIS assuma l-atti tal-kawza minflok Anthony Ventura.**
**vs**
**Joseph GAFFARENA.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-Korporazzjoni attrici li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-konvenut fit-18 ta' Frar 1992 waqt li kien qed jaghmel xi xogholijiet bhal kuntrattur f'Tal-Handaq, Hal-Qormi, laqat u ghamel hsara f'zewg cables propjeta' ta' l-attur noe, liema hsarat graw

unikamnet minhabba imperizja u traskuragini da parte tal-istess konvenut.

U premess illi d-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bhala rizultat tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal seba' mija u erba' liri u tlieta u tletin centezmu (Lm704.33).

U premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' inadempjenti.

TALAB li din il-Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghal hsarat u danni sofferti mill-attur noe fit-18 ta' Frar 1992 f'zewg cables propjeta' ta' l-attur noe li jinsabu f'Tal-Handaq, Hal-Qormi, liema hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragini da parti tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' seba' mija u erba' liri u tlieta u tletin centezmu (Lm704.33) in linea ta' danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija cables.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 1993 u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-eccipjent la laqat u wisq anqas ghamel hsara fil-'cable' tal-attur nomine kif qed jigi allegat;

2. Illi huwa ma hux kuntrattur kif qed jigi allegat u jekk saret xi hsara kif qed jigi allegat tali talba ghall-hlas ghandha tigi diretta lejn min kien responsabbli;

3. Illi ghal kull buon fini jigi eccepit ukoll illi l-attur nomine ghandu f'kull kaz jgahti rendikont dettaljat tad-danni reklamati.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti tal-kawza u trattata l-kawza.

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li waqt li kienu qeghdin isiru xogholijiet ta' trinek f'Tal-Handaq, Qormi, gew iddanneggjati xi 'cables', tnejn b'kollox, u giet ikkagunata hsara ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm704.33 a detriment tal-EneMalta. Dwar din il-parti tal-fatti l-provi huma cari. Id-diffikulta' li tipprospetta din l-azzjoni ta' danni intitolata mill-korporazzjoni attrici ghandha x'taqsam mat-talba dwar responsabilita', jigifieri dwar l-ewwel talba attrici. Min kien attwalment u legalment responsabbli ghal dawn il-hsarat? Il-konvenut jichad kull involviment personali.

Mill-provi jirrizulta li x-xoghol per se' m'ghamlux il-konvenut fizikament hu, imma sar minn certu Emanuel Camilleri. Dan Camilleri xehed li hu kien gie inkarigat minn Joseph Gaffarena biex jaghmel ix-xoghol fil-lok in kwistjoni.

> "Jiena qabbadni l-konvenut mhux kuntrattur iehor biex nahdem hemmhekk. Jiena nahseb li qabbadni bhala kumpanija u mhux f'ismu personalment".

Dan jaqbel ma' dak li gie asserit mill-konvenut fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Marzu 1998 (fol 53) fejn qal li l-kumpanija involuta kienet Estate Limited u hu kien biss ko-direttur taghha. Il-Qorti jidrilha li l-attur nomine kien messu dejjem agixxa kontra l-persuna li attwalment ikkagunat il-hsara de quo, cioe' kontra Emanuel Camilleri. Dan ta' l-ahhar mhux biss ghamel ix-xoghol u kien ghalhekk direttament responsabbli ghal dak li gara, imma sahansitra xehed (fol 47) hekk ukoll:

> "Jiena dak iz-zmien kont impjegat mas-Sur Gaffarena, ghalkemm propjament jiena nahdem ghal rasi. Pero' kien qabbadni".

Sfortunatament, is-Surgent tal-Pulizija numru 18, Charles Zammit, li nizzel l-okkorenza – a fol 22 – u fejn jissemma' direttament il-konvenut propio, huwa llum mejjet u ma setax jigi prodott b'xhud. Pero' anke

hawn ghal dak li jikkoncerna l-prezenza tal-konvenut in xena – michuda mill-konvenut – tnizzel li gej:

> "Gaffarena qal li ghadu ma jafx x'se jaghmel rigward hlas ta' hsara, biss jista' jkun li jhallas."

Din ma tammontax ghal xi assunzjoni ta' responsabbilita' da parti tal-konvenut. Fl-istess okkorrenza hemm imnizzel li l-"hymac", ossija l-apparat li kkaguna l-hsara, kien qed jithaddem minn Emanuel Camilleri u li allura jerga' jippunta, bhala mezz ta' responsabilita', lejn din il-persuna. Jissemma' wkoll li dan il-"hymac" kien propjeta' ta' Joseph Gaffarena, cioe' tal-konvenut. Dan mela jfisser, stante c-cahda da parti tal-konvenut, li kulma kellu jaghmel l-attur nomine kien dak li jgib il-prova in konferma li dan l-apparat kien tassew jappartjeni lill-konvenut u mhux lil haddiehor. B'tali prova l-attur nomine kien ikun rabat b'xi mod l-akkadut mal-konvenut imma l-anqas tali prova ma ngiebet. Il-konvenut mhu tenut li jipprova xejn ghax mhux hu qieghed jallega, hu qieghed biss jichad kull involviment personali. Zgur ma kienetx haga difficli li jigi stabbilit fuq min sewwa sew kien licenzjat il-"hymac" li kkaguna l-hsara – u dan apparti mal-konnessjoni ovvja, kwantu ghall-hsarat li gew ikkagunati min-naha ta' Emanuel Camilleri, kif gja inghad <u>supra</u>.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici in kwantu dedotti kontra l-konvenut, bl-ispejjez gudizzjaji kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.